MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-3 ta' Frar, 2006

Numru 308/2003

Il-Pulizija
(Sp Martin Sammut)
vs
Oliver Micallef, iben Anthony,
mwieled l-Imtarfa fis-26 ta' awissu, 1961u Carmen Galea,
bint Edward Calleja, imwielda Pieta' fl-20 ta' settembru,
1967

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati talli f'dawn il-Gzejjer, fid-9 ta' april, 2003 għal ħabta tal-5.30 p.m., ġewwa Pjazza Ħawħa, San Gwann u\jew fil-viċinanżi –
Lill-ko-imputat Oliver Micallef, waħdu:
1. talli bil-ħsieb li jagħmel delitt, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, meta ttanta jikkometti ferita ta' natura ġravi fuq il-persuna ta' Carmen Galea meta ħebb għaliha b'martell, liema delitt ma kienx

ġie esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu;
2. talli qajjem ġlieda bil-ħsieb li jagħmel offiża fuq il-persuna;
3. talli ħebb kontra Carmen Galea sabiex jiġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara;
Lill-ko-imputata Carmen Galea, waħedha:
1. talli kkomettiet ferita ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Oliver Micallef;
2. talli ħebbet kontra Oliver Micallef sabiex tinġurja, iddejjaq jew tagħmillu ħsara;
Liż-żewġ ko-imputati flimkien:
1. talli volontarjament kisru il-bon ordni b'għajjat u ġlied;
2. talli qalu fil-pubbliku kliem oxxen jew indeċenti.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' xulxien u tal-familji rispetivi tagħhom, sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli għall-reat torbot lill-imputati b'obligazzjoni tagħhom innifishom taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi ffissata mill-Qorti.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' frar, 2006 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kontra tagħhom.

Għaldaqstant, fil-konfront ta' Oliver Micallef, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn din l-istess akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 216, 41 u 338(bb)(ee) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum. Fil-konfront ta' Carmen Galea, issib lill-imputata ħatja tal-akkużi kollha miġjuba kontra tagħha. Rat l-artikoli 221(1), 338(bb)(ee) u 339(1)(d) tal-kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahiex għal piena karċerarja iżda tilliberaha taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet

ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------